**27 ta' Awissu, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Gino Camilleri LL.D.**

Carmel Vella *pro et noe*

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

## Smigħ ta' kawża bl-urġenza - Kriterji li tadotta l-Qorti biex takkorda l-urġenza

*Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ jiddeterminaw jekk l-istess każ għandux jinstema' bl-urġenza jew le. Mhux kwalunkwe raġuni hi biżżejjed sabiex jiġi akkordat li kawża tinstema' bl-urġenza peress li dan jiddependi min-natura stess tat-talbiet kif ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni in kwistjoni.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti *proprio et nomine* ippremetta:

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors huwa ppreżenta ċitazzjoni sabiex jiġi ddikjarat li meta l-intimat irrifjuta ħabta u sabta li jġedded il-liċenzja ta' barriera fil-Qrendi, huwa aġixxa *ultra vires* proċeduralment;

Illi ftit tax-xhur ilu l-intimat waqqaf lill-attur milli jkompli jopera l-barriera bi preġudizzju serju għall-esponent li għandu

makkinarju ta' valur kbir fl-istess barriera apparti l-ħaddiema li jaqilgħu l-għixien tagħhom ma' l-esponent;

Għalhekk l-istess rikorrenti *proprio et nomine* talab li l-imsemmija kawża tiġi appuntata b'urġenza u bl-abrevjazzjoni tat-termini;

Rat id-digriet tagħha preċedenti;

Rat l-atti l-oħra kollha tar-rikors;

Semgħet lid-difennsuri tal-partijiet jittrattaw it-talba kif ikkontenuta f'dan ir-rikors;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti *proprio et nomine* qed jitlob li kawża minnu ppreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra l-Kummissarju tal-Pulizija tinstema' u tiġi deċiża bl-urġenza. F'dik il-kawża r-rikorrenti qed jitlob li jiġi ddikjarat li meta l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta ħabta u sabta li jġedded il-liċenzja ta' barriera fil-Qrendi huwa aġixxa *ultra vires* proċeduralment;

Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ jiddeterminaw jekk l-istess każ għandux jinstema' bl-urġenza jew le. Difatti ġie ritenut li "indubbjament kull Qorti għandha d-dritt li tiddefinixxi meta jokkorru ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw is-smigħ ta' kawża bl-urġenza" (Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali **Mario Azzopardi *vs* Reġistratur tal-Qorti *et*** - 6 ta' Diċembru, 1994);

Għandu jiġi mill-ewwel rrilevat illi mhux kull kwalunkwe

raġuni hi biżżejjed sabiex jiġi akkordat li kawża minflok ma tinstema fil-kors normali tagħha tinstema bl-urġenza. L-urġenza tiddependi min-natura stess tat-talbiet kif ikkontenuti fiċ-ċitazzjoni in kwistjoni, kif ukoll miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ;

F'dan ir-rigward ġie ritenut illi - "*The Court must be satisfied to grant the request (for urgency) that the case is such as requires to be immediately or promptly heard owing to its nature*" (**Bartoli *vs* Semini** Vol. *32*, pt. *II*, p. *91*). *U ukoll* - " Fuq kollox però hija n-natura jew xorta ta' dak involut fit-talba li hu l-iżjed importanti fl-evalwazzjoni ta' l-istess urġenza" (Appell, **S. Falzon Santucci *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni**, 9XII.1971);

Ġie ukoll ritenut illi in ġenerali l-urġenza għandha teżisti oġġettivament appuntu minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ u "mhux tkun f'xi miżura pprovokata jew aċċentwata bla bżonn mill-parti stess". (**Falzon Santucci *vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni** fuq ċitata). Intqal ukoll illi kawża għandha titqies bħala urġenti jekk jirriżulta illi l-preġudizzju li waħda mill-partijiet tista' ssofri jekk il-kawża ma tinstemax bl-urġenza tkun preġudizzju irreparabbli (*Vide* kawża fuq ċitata **Bartoli *vs* Semini**). B'referenza għal din l-aħħar deċiżjoni l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Tabib John Baptist Pace *vs* Joe Vella** (23 ta' Awissu, 1977) irriteniet illi l-imsemmi "kriterju ta' l-irreparabilità tal-preġudizzju m'għandux ikun intiż f'sens assolut imma f'sens relattiv";

Għalhekk skond il-ġurisprudenza tagħna l-urġenza hija riferibbli oġġettivament għan-natura stess tal-kawża u għall-fatt illi jista' jkun ta' preġudizzju sostanzjali jew irreparabbli għal xi waħda mill-partijie jekk il-kawża ma tinstemax bl-urġenza;

Ir-rikorrenti *proprio et nomine* in sostenn tat-talba tiegħu għall-urġenza ssottometta illi l-aġir ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija meta waqqfu milli jkompli jopera l-barriera kien ta preġudizzju serju għalih stante li fil-barriera in kwistjoni hemm makkinarju ta' ċertu valur, kif ukoll ta' preġudizzju għall-ħaddiema tiegħu li jaħdmu fl-istess barriera;

Mhux ikkontestat bejn il-partijiet li l-permessi in kwistjoni ma baqgħux jiġu mġedda minn żmien ilu u ċjoè mill-1995. Mhux ikkontestat lanqas li r-rikorrenti nonostante li ma kellux permessi kompla jopera l-barriera sa l-ewwel ftit xhur ta' din is-sena meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija;

F'dawn iċ-ċirkostanzi żgur li l-kawża in kwistjoni ma tista' qatt titqies bħala urġenti. Id-deċiżjoni li jrid jikkontesta r-rikorrenti ittieħdet snin ilu. Inoltre l-istess rikorrenti ġie mwaqqaf milli jopera l-barriera xhur ilu. Ir-rikorrenti deherlu li biss issa jieħu azzjoni u pjuttost inkonsistentement jitlob li l-kawża tiġi deċiża bl-urġenza;

F'dawn iċ-ċirkostanzi ma jirriżulta xejn urġenti għal dak li jirrigwarda l-meritu tal-kawża. Inoltre jidher li l-operazzjoni tal-barriera in kwistjoni mhux l-unika attività tar-rikorrenti. Lanqas ma jirriżulta jekk hemmx xi ħaddiema tar-rikorrenti li qed ibatu xi preġudizzju minħabba l-operat ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk ma jirriżultax suffiċjentement illi r-rikorrenti ser ibati xi preġudizzju kbir jew irreparabbli jekk iċ-ċitazzjoni in kwistjoni ma tiġix deċiża bl-urġenza;

In vista ta' dan kollu ma jirriżultawx fatti u ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu in effett irendu l-kawża ta' natura urġenti u għalhekk it-talba għall-urġenza m'għandhiex tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba kif ikkontenuta fir-rikors;

Spejjeż kontra r-rikorrenti *proprio et nomine*.